

HOTEL SANTA MARIA 4*
ĦDEJN IS-SANTWARJU

5 t'ijiem

# Fatima – Portugal

## 05 - 09 ta' Marzu

**INŻURU: VALINOS, AJUSTREL, PORTO, TOMAR, MIRA DE AIRE CAVES U LISBONA.**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half board u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €700 | €650 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €710 | €660 |
| Kamra ta' persuna waħda | €830 | €780 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adultii | €630 | €580 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta - Lisbona - Malta mal-Air Malta
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- 4 iljieli - Hotel Santa Maria 4 star
- Buffet Breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### It-Tlieta 5 ta' Marzu
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl'10:30 għat-titjira FR9654 li ttir fis-12:30 u naslu Lisbona fit-15:00 (Ħin Lokali), Wara transfer bil-kowċ lejn Fatima li hi waħda mill-iżjed postijiet t'importanza Kattolika fid-dinja, iddedikata lil Verġni Marija. Akkomodazzjoni fil-**Hotel Santa Maria 4 star** ftit passi bogħod mis-Santwarju. Sistemazzjoni u Ċena. Ħin biex ninżlu l-ewwel żjara fil-pjazza u s-Santwarju.

### L-Erbgħa 6 ta' Marzu
Breakfast: Nibdew billi nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Kappella tad-Dehriet. Wara nżuru l-Bażilika tar-Rużarju fejn naraw l-oqbra ta' Lucia, Jacinta u Francesco imbagħad nitilqu lejn il-Bażilika moderna ċirkulari tas-Santissima Trinita' Qaddisa. Naqbdu t-tourist train (extra) u mmorru **Valinos** u **Ajustrel** biex naraw id-dar ta' Lucia. Inkomplu lejn il-Knisja Parrokkjali tat-tlett rgħajja. Ċena fil- hotel.

### Il-Ħamis 7 ta' Marzu
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru kummerċjali ta' Fatima fejn ikollna ħin liberu għal xi shopping, Inkomplu lejn **Tomar u l-Caves ta' Mira D'Aire**. Mal-wasla tagħna ġewwa Tomar inżuru Templars Monastery (entratura extra) u wara dawra bil-mixi mal-belt. Ħin liberu biex wara nżuru l-Caves ta' Mira D'Aire (entratura extra), fejn ser ikollna guided tour ta' dawn l-għerien spettakolari u naraw show fantastiku ta' dancing waters. Ritorn lejn Fatima għaċ-ċena. Filgħaxija nattendu għar-ruzarju internazzjonali li jsir fil-Kappella tal-Apparizzjoni. Wara nakkumpanjaw lil Madonna waqt il- purċissjoni Aux Flambeaux.

### Il-Ġimgħa 8 ta' Marzu
Breakfast: Illum eskursjoni lejn il-belt kostali fil-Majjistral tal-Portugal Porto. Kif naslu bil-coach niskopru: Il-knisja u kampnar/Torri ta' Clerigos, Pjazza Liberta', Stazzjon San Bento. Ninżlu lejn Cais De Ribeira min fejn naqbdu 6 Bridges River cruise tour (extra). Wara nżuru Port Wine cellars (extra), il-Katidral u nibdew il-vjaġġ lura lejn Fatima. Ċena u wara ninżlu Cova De Iria ħdejn il-monument tal-Qalb ta' Ġesu'.

### Is-Sibt 9 ta' Marzu
Wara l-breakfast transfer lejn **Lisbona** l-belt kapitali tal-Portugal fejn ikollna eskursjoni ta' ġurnata mill-iżjed interessanti. Kif naslu mmorru dritt lejn iċ-Centru ta' Alfama b'mod speċjali biex naraw il-Katidral u l-knisja fejn twieled Sant'Antnin. Mal-leader niskopru l-Pjazza Kummerċjali, it-Triq Augusta, Pjazza Don Pedro u Restauradores. Ħin liberu u wara inkomplu lejn Belem żona fuq ix-xmara Tagus. Inżuru Torri Belem, il-Pont Vasco De Gama, Monasteru Jeronimos u l-monument Padros Dos Descobrimentos. Issa se nkomplu lejn l-ajruport ta' Lisbona sabiex nagħmlu ċ-check in għat-titjira FR9655 li ttir fil-20:05 u naslu lura Malta fis-00:15







Staqsi għal Kundizzjonijiet Ġenerali

Tel: 2125 0526, 2124 3562